Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,728, 5 ta' Jannar, 1999
Taqsima B

A.L. 1 ta' l-1999

ATT DWAR ĦWEJJEĠ TA' L-IKEL, MEDIĊINALI U ILMA TAX-XORB (KAP. 231)

Regolamenti ta' l-1999 dwar Ikel Intiż għall-Użu f'Dieti Ristretti fl-Enerġija għat-Tnaqqis fil-Piż

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb, il-Ministru tas-Saħħa, bil-parir ta' l-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards*, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: —

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1 Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 dwar Ikel Intiż għall-Użu f'Dieti Ristretti fl-Enerġija għat-Tnaqqis fil-Piż.

1.2 Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-31 ta' Marzu, 1999.

Applikabilità tar-regolamenti.

2.1. Dawn ir-regolamenti jirrigwardaw ħtiġiet ta' kompożizzjoni u ta' ittikkettjar għal ikel għal skop nutrittiv partikolari intiż għall-użu f'dieti ristretti fl-enerġija għat-tnaqqis fil-piż, u li jiġi ppreżentat bħala tali.

2.2 Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal kull ikel intiż speċifikament għal persuni li jkunu qed ibatu minn xi diżordni fil-metaboliżmu tal-karboidrati, bħalma hi d-dijabete.

Tifsir.

3.1 F'dawn ir-regolamenti, ikel għall-użu f'dieti ristretti fl-enerġija għat-tnaqqis fil-piż huwa ikel magħmul għal ta' l-apposta li, meta jintuża skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur, jieħu post id-dieta sħiħa ta' kuljum jew parti minnha. Dan l-ikel jinqasam f'żewġ kategoriji:

(a) prodotti ppreżentati bħala li jieħdu post id-dieta sħiħa ta' kuljum;

(b) prodotti ppreżentati bħala li jieħdu post ikla waħda jew iktar fid-dieta ta' kuljum.

Bejgħ ta' ikel għal użu f'dieti ristretti fl-enerġija għat-tnaqqis fil-piż.

4.1 Ħadd ma jista' jimmanifattura, jimporta, ibiegħ, iżomm għall-bejgħ jew b'xi mod ieħor iqassam xi ikel intiż għall-użu f'dieti ristretti fl-enerġija għat-tnaqqis fil-piż jekk dan ma jikkonformax mal-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti.

4.2 Il-partijiet individwali kollha li jiffurmaw prodotti ppreżentati bħala li jieħdu post id-dieta sħiħa ta' kuljum, meta jinbiegħu, għandhom ikunu jinstabu fl-istess pakkett.

Kriterji ta' kompożizzjoni.

5.1 L-ikel li jaqa' taħt dawn ir-regolamenti għandu jkun jikkonforma mal-kriterji ta' kompożizzjoni speċifikati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Ittikkettjar ta' ikel għal dieti ristretti fl-enerġija għat-tnaqqis fil-piż.

6.1 L-isem li bih jinbiegħ il-prodott għandu jkun:

(a) għal prodotti li jaqgħu taħt ir-regolament 3.1, paragrafu (a), "Sostitut għad-dieta kollha għall-kontroll fil-piż";

(b) għal prodotti li jaqgħu taħt ir-regolament 3.1, paragrafu (b), "Sostitut ta' ikla għall-kontroll fil-piż".

6.2 It-tikketta tal-prodotti involuti għandu jkollha fuqha, b'żieda ma' dak li hu pprovdut fir-Regolamenti ta' l-1992 dwar it-Tikkettjar u l-Preżentazzjoni ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel, il-partikolaritajiet mandatorji li ġejjin:

A.L. 65 ta' l-1992.

(a) il-valur ta' enerġija ottjenibbli espress bħala kJ u bħala kcal, u l-kontenuti ta' protejini, karboidrati u xaħam, mogħtija f'forma numerika, għal kull kwantità speċifikata tal-prodott lest għall-użu kif propost għall-konsum;

(b) il-kwantità medja ta' kull sustanza minerali u ta' kull vitamina li għaliha huma stipulati ħtieġiet mandatorji f'paragrafu 5 ta' l-Ewwel Skeda, espressa f'forma numerika, għal kull kwantità speċifikata tal-prodott lest għall-użu kif propost għall-konsum. B'żieda, għall-prodotti msemmija fir-regolament 3.1, paragrafu (b), l-informazzjoni dwar il-vitamini u minerali mniżżla fit-tabella ta' paragrafu 5 ta' l-Ewwel Skeda għandha wkoll tiġi espressa bħala perċentwali tal-valuri kif mogħtija fit-Tielet Skeda;

(ċ) istruzzjonijiet għal preparazzjoni xierqa, meta jkunu meħtieġa, u stqarrija dwar l-importanza li wieħed jimxi ma' dawk l-istruzzjonijiet;

(d) jekk prodott, meta dan jintuża skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur, jipprovdi konsum ta' *polyols* ta' iktar minn 20 g

kuljum, għandha ssir stqarrija dwar il-fatt li l-ikel jista' jikkawża l-ippurgar;

(e) stqarrija dwar l-importanza li wieħed jikkonsma kwantità adekwata ta' fluwidi kuljum;

(f) għall-prodotti msemmija fir-regolament 3.1, paragrafu (a):

(i) stqarrija li l-prodott jipprovdi ammonti adekwati tan-nutrijenti essenzjali kollha għall-ġurnata;

(ii) stqarrija li l-prodott m'għandux jintuża għal iktar minn tlett ġimgħat mingħajr parir mediku;

(g) għall-prodotti msemmija fir-regolament 3.1, paragrafu (b), stqarrija dwar il-fatt li l-prodotti huma utli għal dak l-iskop biss bħala parti minn dieta ristretta fl-enerġija u li ħwejjeġ oħra ta' l-ikel għandhom ikunu parti neċessarji minn dik id-dieta.

6.3 L-ittikkettjar, reklamar u preżentazzjoni tal-prodotti involuti m'għandhom jagħmlu ebda referenza għar-rata jew għall-ammont ta' telf fil-piż li jistgħu jirriżultaw mill-użu tagħhom jew għal xi tnaqqis fis-sens ta' ġuħ jew xi żieda fis-sens ta' xaba'.

L-EWWEL SKEDA

Kompożizzjoni Essenzjali ta' Ikel għal Dieti Ristretti fl-Enerġija

L-ispeċifikazzjonijiet jirreferu għall-prodotti lesti għall-użu, mibjugħa bħala tali jew rikostitwiti skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

1. Enerġija

1.1 L-enerġija pprovduta minn xi prodott imsemmi fir-regolament 3.1, paragrafu (a), m'għandiex tkun inqas minn 3,360 kJ (800 kcal) u m'għandiex taqbeż 5,040 kJ (1,200 kcal) għar-razzjon totali ta' kuljum.

1.2 L-enerġija pprovduta minn xi prodott imsemmi fir-regolament 3.1, paragrafu (b), m'għandiex tkun inqas minn 840 kJ (200 kcal) u m'għandiex taqbeż 1,680 kJ (400 kcal) għal kull ikla.

2. Protejina

2.1 Il-protejina fil-prodotti msemmija fir-regolament 3.1, paragrafi (a) u (b), għandha tipprovdi mhux inqas minn 25% u mhux iktar minn 50% tal-enerġija totali

tal-prodott. F'kull każ l-ammont ta' protejina fil-prodotti msemmija fir-regolament 3.1, paragrafu (a), m'għandux jaqbeż 125 g.

2.2 Il-provvedimenti dwar il-protejina hawn aktar qabel imsemmija jirreferu għal protejina li l-indiċi kimiku tagħha huwa daqs dak tal-protejina ta' referenza FAO/WHO (1985) li hemm fit-Tieni Skeda. Jekk l-indiċi kimiku jkun inqas minn 100% ta' dik tal-protejina ta' referenza, il-livelli minimi ta' protejina għandhom jiżdiedu b'mod li jiġu jikkorrispondu. F'kull każ l-indiċi kimiku tal-protejina għandu ta' lanqas ikun daqsinsew 80% ta' dik tal-protejina ta' referenza.

2.3 L-"indiċi kimiku" tfisser l-inqas mir-*ratios* ta' bejn il-kwantità ta' kull amino aċidu essenzjali tal-protejina taħt il-prova, u l-kwantità ta' l-amino aċidu korrispondenti, fil-protejina ta' referenza.

2.4 F'kull każ, iż-żieda ta' amino aċidi hija permessa biss għall-iskop li jitjieb il-valur nutrittiv tal-protejini, u biss fil-proporzjonijiet meħtieġa għal dak l-iskop.

3. Xaħam

3.1 L-enerġija li ġejja mix-xaħam m'għandiex taqbeż 30% tal-enerġija totali ottjenibbli totali tal-prodott.

3.2 Għall-prodotti msemmija fir-regolament 3.1, paragrafu (a), il-kontenut ta' aċidu linolejiku (fil-forma ta' gliċeridi) m'għandux ikun inqas minn 4.5 g.

3.3 Għall-prodotti msemmija fir-regolament 3.1, paragrafu (b), l-aċidu linolejiku (fil-forma ta' gliċeridi) m'għandux ikun inqas minn 1 g.

4. Fibra dietetika

Il-kontenut ta' fibra dietetika tal-prodotti msemmija fir-regolament 3.1, paragrafu (a), m'għandux ikun inqas minn 10 g u m'għandux jaqbeż 30 g għar-razzjon ta' kuljum.

5. Vitamini u minerali

5.1 Il-prodotti msemmija fir-regolament 3.1, paragrafu (a), għandhom jipprovdu għad-dieta sħiħa ta' kuljum b' ta' l-anqas 100% tal-ammonti ta' vitamini u minerali mogħtija fit-Tabella li hawn f'din l-Iskeda.

5.2 Il-prodotti msemmija fir-regolament 3.1, paragrafu (b), għandhom jipprovdu ta' l-anqas 30% tal-ammonti ta' vitamini u minerali mogħtija fit-Tabella għal kull ikla; madanakollu, l-ammont ta' potassju għal kull ikla pprovdut minn dawn il-prodotti għandu jkun ta' l-anqas 500 mg.

Vitamina A	µg RE	700
Vitamina D	µg	5
Vitamina E	mg-TE	10
Vitamina C	mg	45
Thiamin	mg	1.1
Riboflavin	mg	1.6
Niacin	mg-NE	18
Vitamina B6	mg	1.5
Folate	µg	200
Vitamina B12	µg	1.4
Biotin	µg	15
Aċidu Pantoteniku	mg	3
Kalċju	mg	700
Fosforu	mg	550
Potassju	mg	3100
Ħadid	mg	16
Żingu	mg	9.5
Ramm	mg	1.1
Jodju	µg	130
Selenju	µg	55
Sodju	mg	575
Magneżju	mg	150
Manganeżju	mg	1

IT-TIENI SKEDA

Pattern ta' Ħtieġa ta' Amino Aċidi[1]

	g/100 g protejina
Cystine + methionine	1.7
Histidine	1.6
Isoleucine	1.3
Leucine	1.9
Lysine	1.6
Phenylalanine + tyrosine	1.9
Threonine	0.9
Tryptophan	0.5
Valine	1.3

[1]Organizazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) *Energy and protein requirements*. Rapport ta' Laqgħa Konġunta FAO/WHO/UNU. Ġinevra: WHO, 1985 (WHO Technical Report Series, 724).

IT-TIELET SKEDA

Vitamini u Minerali u l-Ammont Rakkomandat ta' Kuljum (RDA) tagħhom

Vitamina A µg	800
Vitamina D µg	5
Vitamina E mg	10
Vitamina C mg	60
Thiamine mg	1.4
Riboflavin mg	1.6
Niacin mg	18
Vitamina B6 mg	2
Folacin µg	200
Vitamina B12 µg	1
Biotin mg	0.15
Aċidu Pantoteniku mg	6
Kalċju mg	800
Fosforu mg	800
Ħadid mg	14
Magneżju mg	300
Żingu mg	15
Jodju µg	150